

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 244/2014

tal-24 ta' Ottubru 2014

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet [2015/1468]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE ġiet estiża sabiex tinkludi parteċipazzjoni limitata fis-settur tat-telekomunikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (¹) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2014 tad-9 ta' Lulju 2014 li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni foqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2015/92] (²).
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE tiġi estiża sabiex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (³).
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiż-died fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 2 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32014 R 0283:** ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Din tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129.

⁽²⁾ ĠU L 15, 22.1.2015, p. 85.

⁽³⁾ ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.

^(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonal ma huwa indikat.